**7 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

John Mallia

versus

*Manager Water Works Department*

**Sentenza – Nullità**

*L-artikolu 218 tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġuniiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex is-sentenza tkun tiftiehem.*

*Fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu din il-qorti dejjem qagħdet attenta biex kemm jista' jkun issalva l-atti meta mill-korp tas-sentenza wieħed almenu jifhem x'inhu l-mertu tal-każ u x'inhu l-bażi tas-sentenza.*

*Meta mis-sentenza ma jirriżultax almenu ħjiel tal-motivazzjoni u l-anqas tagħti indikazzjoni tat-talba ta' l-attur, dik is-sentenza ma tistax tiġi salvata.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza tas-7 t'April 1981 ta' l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taqra hekk:

"L-attur qed jitlob lil din il-Qorti biex tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta' tnejn u sebgħin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu li hu kien ħallas indebitament *under protest* għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Min-naħa l-oħra l-konvenut eċċepixxa li l-ammont imħallas mill-attur kien verament kollu dovut minnu;

B'digriet tagħha tal-31 ta' Mejju 1979 din il-Qorti ħatret lill-Avukat Dottor Joseph Cassar perit legali li ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-7 ta' Jannar 1980. Wara li eżaminat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni tal-perit fil-kawża u għalhekk tgħamilha tagħha u taddottaha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u għalhekk tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura lill-attur is-somma ta' Lm72.25c għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż;"

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut li biha interpona appell mis-sentenza imsemmija ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-qorti jogħġobha jew tirrevoka dik is-sentenza billi tiddikjaraha nulla u tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tingħata sentenza skond il-liġi, jew, alternattivament, tirrevokaha billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant odjern, u tiċħad it-talbiet attriċi, fiż-żewġ każi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat għall-appell tal-konvenut li biha issottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat *l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;*

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Primarjament, l-appell tal-konvenut appellant huwa konċentrat fuq allegata nullità tas-sentenza appellata billi qed isostni li l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha naqset milli tagħti r-raġunijiet li fuqhom ibbażat id-deċiżjoni tagħha kif jitlob l-artikolu 218 tal-Kap. 12;

L-artikolu 218 tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll il-parti tat-talba u tat-tweġiba li l-Qorti jidhrilha li hija biżżejjed biex is-sentenza tkun tiftehem;

Fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu din il-qorti dejjem qagħdet attenta biex kemm jista' jkun issalva l-atti meta mill-korp tas-sentenza wieħed almenu jifhem x'inhu l-mertu tal-każ u x'inhi l-bażi tas-sentenza. Fi kliem ieħor din il-Qorti dejjem ippruvat issalva sentenza purchè din ikollha dik l-awtonomija neċessarja biex wieħed jifhem eżattament x'ġie milqugħ u x'ġie miċħud u għaliex;

Sfortunatament, fil-każ in diżamina, din il-qorti tara li ma

tistax issalva s-sentenza appellata għaliex mhux biss minnha ma jirriżultax almenu ħjiel tal-motivazzjoni iżda anke għax kif inhi miktuba *anqas tagħti indikazzjoni tat-talba ta' l-attur. Infatti* l-bażi tat-talba kienet il-ħlas indebitu spjegat f'għoxrin vers ittajpjat fiċ-ċitazzjoni li ebda rifless tagħhom ma jirriżulta fiċ-ċitazzjoni. Din il-qorti ma tistax taċċetta li sentenza ta' dawn il-qrati tkun skarna bil-mod kif inhi dik preżenti, u l-fatt li l-liġi ħalliet f'idejn il-ġudikant f'ċertu sens biex jara hu x'hemm bżonn jissemma fis-sentenza biex din tkun awtonoma u tiftiehem ma jfissirx li dak li jidhirlu l-ġudikant huwa neċessarjament tajjeb. It-*test* finalment huwa wieħed oġġettiv u fil-każ preżenti din il-qorti m'hix soddisfatta li din id-diskrezzjoni ġiet eżerċitata tajjeb; għalhekk m'għandhiex alternattiva ħlief li tannullaha;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel parti ta' l-appell tal-konvenut billi tannulla s-sentenza appellata minħabba li ma tissodisfax il-vot ta' l-artikolu 218 tal-Kap 12 u konsegwentement tirrimetti l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-deċiżjoni skond il-liġi. L-ispejjeż jiġu sopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.